PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

17.4.2012 B7-0201/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni f'Mali
(2012/2603(RSP))

François Alfonsi, Judith Sargentini, Nicole Kiil-Nielsen, Raül Romeva i Rueda, Malika Benarab-Attou
f'isem il-Grupp Verts/ALE

B7-0201/2012

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni f'Mali
(2012/2603(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Catherine Ashton, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE dwar il-kolp ta' stat militari f'Mali,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-dipartiment tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-prevenzjoni ta' kriżi umanitarja f'Mali,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar kolp ta' stat militari,

– wara li kkunsidra l-ftehim ta' Alġeri tal-2006 dwar l-iżvilupp u l-paċi fit-Tramuntana ta' Mali,

– wara li kkunsidra l-ftehim qafas iffirmat fis-6 ta' April 2012 bejn il-ġunta u l-ECOWAS,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Moviment Nazzjonali tat-Tuareg għal-Liberazzjoni ta'Ażawad iddikjara l-kontroll tat-tliet reġjuni tat-Tramuntana ta' Mali – Gao, Kidal u Timbuktu bl-objettiv li jifforma stat ġdid;

B. billi grupp Iżlamiku bl-isem ta' Ansar Dine, li għandu rabtiet mill-qrib mal-Al Qaeda fil-Magreb Iżlamiku (AQIM), iddikjara li għandu kontroll fuq Timbuktu u qed jipprova jimponi l-liġi tax-Xarija f'Mali;

C. billi jfakkar li fil-passat ġew iffirmati bosta ftehimiet ta' paċi bejn il-gvern ta' Mali u l-Moviment tat-Tuareg għal-Liberazzjoni, li ffokaw fuq l-iżvilupp ekonomiku tat-Tramuntana, id-deċentralizzazzjoni u l-integrazzjoni tat-Tuareg fi strutturi ċivili u militari; billi minkejja serje ta' inizjattivi ta' paċi, it-tensjonijiet bejn il-gvern ċentrali u l-Moviment Nazzjonali tat-Tuareg għal-Liberazzjoni ta'Ażawad baqgħu jippersistu;

D. billi jfakkar li grupp ta' suldati ħabbru kolp ta' stat fit-22 ta' Marzu 2012, u waqqgħu lil Amadou Toumai Toure, il-president li kien elett demokratikament;

E. billi kien miftiehem ritorn għall-ordni kostituzzjonali, innegozjat mill-ECOWAS, u b'konformità mal-kostituzzjoni tal-pajjiż l-ispeaker tal-assemblea nazzjonali ngħata l-ġurament tal-ħatra bħala aġent president;

F. billi s-sitwazzjoni umanitarja fiż-żona kkontrollata mir-ribelli ilha tiddeterjora, minħabba li kien hemm serq, ħtif u kaos li ġiegħlu l-popolazzjoni taħrab mir-reġjun;

G. billi l-kombinazzjoni ta' nixfa, faqar, prezzijiet għoljin tal-qamħ, degradazzjoni ambjentali

u s-sottożvilupp kroniku qed taffettwa lill-Burkina Faso, Mali, il-Mawritanja, in-Niġer, is-Senegal, iċ-Ċad, it-Tramuntana tal-Kamerun u n-Niġerja u skont aġenziji tan-NU iktar minn 10 miljun persuna qed jissieltu biex ikollhom biżżejjed x'jieklu;

H. billi s-serje ta' ħtif li ħadu r-responsabilità għalihom grupp terrorist b'rabta mal-Al Qaeda fil-Magreb Iżlamiku (AQIM) għadhom għaddejjin, u fil-15 ta' April missjonarju Nisrani mill-Iżvizzera nħataf minn grupp f'Timbuktu, li diġà qed iżomm 13-il ostaġġ mill-Punent;

I. billi l-proliferazzjoni tal-armi li qed jemanaw mil-Libja, it-traffikar tad-drogi, il-livell għoli ta' qgħad u faqar jikkontribwixxu għad-destabilizzazzjoni tar-reġjun b'mod ġenerali;

J. billi s-sitwazzjoni tal-Libja wasslet għal fluss bla kontroll ta' arsenal ta' armi kbar mil-Libja lejn il-pajjiżi ġirien u r-ritorn ta' merċenarji mgħammra sew f'Mali, u dan għandu konsegwenzi negattivi fuq is-sigurtà u l-istabilità tal-pajjiżi kollha tas-Sahel u tar-reġjun tal-Afrika tal-Punent;

K. billi l-qawmien ta' Iżlam politiku fl-Afrika tal-Punent bħall-"Bako Haram" għandu jiġi bbilancat billi jiġu indirizzati l-kawżi strutturali tal-faqar kemm f'Mali kif ukoll fl-Afrika tal-Punent, li huma l-iżvilupp ekonomiku u soċjali kif ukoll id-distribuzzjoni tal-ġid;

L. billi l-kawżi ta' dawn il-konflitti ġeneralment huma nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem, in-nuqqas tal-istat tad-dritt, it-tensjonijiet etniċi u reliġjużi, il-kriminalità organizzata, l-inġustizzji, l-inugwaljanzi u n-nuqqas ta' żvilupp ekonomiku;

M. billi d-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli u r-rispett tad-drittijiet ċiviċi kif ukoll tad-drittijiet soċjoekonomiċi huma vitali għall-iżvilupp sostenibbli u l-paċi;

1. Jilqa' l-azzjoni deċiżiva tal-ECOWAS, li wasslet biex terġa' tiġi stabbilita l-ordni kostituzzjonali f'Mali;

2. Jistieden lill-awtoritajiet ta' Mali u lill-Moviment tat-Tuareg għal-Liberazzjoni sabiex jilħqu soluzzjoni paċifika u fit-tul permezz ta' djalogu kostruttiv;

3. Huwa tal-fehma li soluzzjoni paċifika għall-konflitt ta' Mali tirrikjedi l-indirizzar tal-kawża prinċipali tal-konflitt, u dan jimplika aċċess ġust għar-riżorsi, l-iżgurar ta' żvilupp sostenibbli u ekwu tar-reġjuni u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ġid, filwaqt li jiġu garantiti d-drittijiet tal-bniedem bażiċi inklużi d-drittijiet tal-minoranzi;

4. Jitlob il-ftuħ ta' kuritur umanitarju bħala għajnuna għal għexieren ta' eluf ta' persuni spustati minħabba l-ġlied f'Mali, li ħafna minnhom fittxew rifuġju f'pajjiżi ġirien bħan-Niġer, il-Mawritanja u l-Burkina Faso, u jitlob ukoll reazzjoni komprensiva u rapida għall-kriżi umanitarja ta' Sahel b'mod ġenerali;

5. Jistieden lill-gvernijiet tal-Afrika tal-Punent jiġġieldu l-proliferazzjoni tal-armi u t-traffikar tad-drogi billi jpoġġu l-iżvilupp ibbilanċat u sostenibbli fil-qalba tal-politika għall-iżvilupp tagħhom biex jipprovdu servizzi pubbliċi lill-popolazzjoni b'mod ġenerali u impjiegi għaż-żgħażagħ b'mod partikolari;

6. Jitlob lill-awtoritajiet ta' Mali, lill-gvernijiet tal-Afrika tal-Punent u lill-Moviment

Nazzjonali tat-Tuareg għal-Liberazzjoni ta’ Azwad, jagħmlu l-almu tagħhom għar-rilaxx tal-ostaġġi kollha;

7. Huwa konvint li soluzzjoni dejjiema fir-reġjun għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet statali u l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u li twitti t-triq għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u ekwu;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu inizjattiva flimkien mal-ECOWAS biex jiġi ffaċilitat id-djalogu għall-paċi fir-reġjun;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-UE, lill-Kummissjoni, u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Unjoni Afrikana, u lill-ECOWAS.